Minuti
Kunsill Lokali Ghajnsielem
Is-Sitt Legislatura
Laqgha Ad Hoc

30 ta' Novembru, 2010 fit-3 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sinj Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Is-sindku ta bidu ghal-laqgha.

2. Bethlehem f'Ghajnsielem

   Il-ftuh ufficcjali mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi ser isir fit-3.30pm, flok fl-4.30pm minhabba xi mpenji tal-Prim Ministru. Il-Banda San Guzepp giet imqabda li ddoqq marci tal-Milied fis-2.30pm, fejn il-marc jitlaq min quddiem ic-centru parrokjali u jkompli sejjer sal-Pjazzetta 10 ta' Dicembru. Il-Kunsill approva il-hlas ta €480 ghal dan is-servizz.

3. Is-sindku qara r-risposta mill-Ministru tat-Turizmu u Antikitajiet, Dr. Khouloud Diabes, fejn uriet id-dispjacir taghha li ma tistax tattendi ghal-ftuh tal-Presepju peress li impenjata b'attivitajiet f'Bethlehem stess.

4. Is-sindku informa lil-presenti li s-sibt, 4 ta' Dicembru,2010 fl-10.30am ser issir zjara mill-Prim Ministru fic-Centru Civiku l-gdid.

5. Tender

It-tenders infethu nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru, 2010. Ghal-ftuh tat-tenders kienu prezenti s-sindku, is-Sur Peter Caruana u s-segregarju ezekuttiv.Ghal din it-tender, il-kunsill qabel li jaddi l-kopji tat-tenders lil Enginier Renzo Curmi biex ihejji rapport tal-evalwazzjoni. It-tender tal-iskart imhallat giet mghoddija ghand is-Sur Adrian Mifsud, li huwa l-president tas-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli, biex mill-esperjenza li ghandu fuq dan il-qasam, ihejji rapport ta' evalwazzjoni. It-Tender tal-*public convenience* giet mghotija lil-Ghajnsielem Football Club, peress li kellhom it-tender mimlija kif suppost u kienu l-unici li tefew it-tender.

6. Gieh Ghajnsielem

L-attivita ser issir nhar is-Sibt, 11 ta' Dicembru, 2010 fis-7pm, ic-Centru Parrokkjali. Id-Data kellha tinbidel peress li kien hemm xi attivita` ohra organizzata min nahha tal-Knisja.

7. Programm - Hadd Ghalik

Waslet stedina il-Kunsill, fejn il-*management* tal-Programm 'Hadd Ghalik' baghtu invit ghall-udjenza mir-Rahal waqt li jkun ghaddej il-programm, fejn imbaghad offrew 2 minuti bhala promotion fuq l-attivitajiet li ghandu ghaddejjin bhalissa l-kunsill. Il-kunsill qabel li bhalissa hawn hafna attivitajiet ghaddejjin fir-rahal, u ghalhekk tkun difficli biex issib l-udjenza.

8. Polza ta' l-Assigurazzjoni

Is-Segretarju Ezekuttiv fhemet lil-kunsilliera l-polza ta' l-assigurazzjoni li qeghdin joffru l-*compass group* ghal-kunsilli t'Ghawdex. Il-kunsill qabel li apparti l-polza tas-soltu, din s-sena izidu l-*public liability insurance* ta' €600 fis-sena.

9. CVC filming

Il-kunsill approva l-kont tac-*cvc filming*, li sar bhala *promotional feature* ghal Bethlehem f'Ghajsnielem. Il-kont hu ta €300 + VAT. Il-kunsill ma approvax li jsir *promotion* fuq Bethlehem f'Ghajnsielem qabel Bondi Plus.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

10. Gozo Tour

Is-segretarju ezekuttiv spjegat kif ghad-domanda ta' certu Kunsilli, l-staff tal-Kunsill organizza *Gozo Tour*, fejn ghamlu programm ta' gurnata Ghawdex, li ovjament jinvolvi zjara lil-Bethlehem f'Ghajnsielem. Dan il-programm intbaghat lill-Kunsilli ta' Malta kollha, u kien hemm diversi Kunsilli li wrew interess. Il-Kunsill qabel li jhallas parti mill-ispejjez tat-transport ghal-dawn it-*tours*.

11. Vista lil-Ghaqdiet

Is-Sur Joe Camilleri ssugerrixxa li jergghu siru z-zjajjar lil-ghaqdiet tar-rahal, fejn raprezentanti tal-Ghaqdiet jiltaqu fl-ufficcju tal-kunsill u flimkien iduru l-Ghaqdiet tar-Rahal.

Il-laqgha ntemmet fl-4.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

A. Cauchi
Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv